# FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 27 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 364/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Ganna Ivanovna Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-16 ta' Awissu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' ħames mija, tnejn u tmenin Ewro, sebgħa u disgħin ċenteżmu (€582.97ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont 40410446, bl-ispejjeż u d-drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 961/16 u bl-imghax legali mis-6 ta' Ġunju 2016 meta ġiet preżentata l-imsemmija ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett dwar il-kont mertu ta' din il-kawża, tal-ħlasijiet mitluba (Dok.'A', fol.2); (ii) ċertifikat tal-amalgamazzjoni ta' Mobisle Communications Limited fis-soċjeta' attriċi (Dok.'B1', fol.3); (iii) kuntratt bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta għall-għoti ta'

servizzi ta' telefonija, televiżjoni u internet (Dok.'B2', fol.4-5); u (iv) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva numru 961/16.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, attendiet għas-smigħ quddiem it-Tribunal fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2017, u ddikjarat li taqbel mat-talba tas-soċjeta' attrici f'din il-kawża.

Ra li t-Tribunal spjega lill-konvenuta l-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tagħha, pero' l-istess konvenuta reġgħet ikkonfermat li hija taqbel mat-Talba.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta' attriċi għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallasha s-somma mitluba tirriżulta ampjament pruvata bl-ammissjoni tal-konvenuta stess.

Għaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma mitluba ħames mija, tnejn u tmenin Ewro, sebgħa u disgħin ċenteżmu (€582.97ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**